IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2024
COM(2024) 106 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport annwali dwar ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)

I. INTRODUZZJONI

(1) Dan ir-rapport huwa indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Huwa jistabbilixxi l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2022/1925[1] (l-Att dwar is-Swieq Diġitali, minn hawn 'il quddiem "DMA", Digital Markets Act) fl-2023, kif previst fl-Artikolu 35 tad-DMA[2].

(2) L-Artikolu 35 tad-DMA jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tad-DMA u l-progress li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Dan huwa l-ewwel rapport ta' dan it-tip, li jkopri l-ewwel sena li fiha d-DMA sar applikabbli u ġie implimentat mill-Kummissjoni.

(3) It-Taqsima II ta' dan ir-rapport tagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-Kummissjoni fl-2023 taħt id-DMA. It-Taqsima III tiddeskrivi l-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa u t-Taqsima IV tiddeskrivi l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. Fl-aħħar nett, it-Taqsima V tistabbilixxi l-kompiti mwettqa mill-Grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali.

II. L-ATTIVITAJIET TAL-KUMMISSJONI FL-2023

a. Deċiżjonijiet u dokumenti proċedurali

Regolament ta' Implimentazzjoni

(4) Id-DMA jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu arranġamenti dettaljati dwar kwistjonijiet identifikati fl-Artikolu 46 tad-DMA. Numru minn dawn is-setgħat mogħtija ġew raggruppati f'att ta' implimentazzjoni uniku, jiġifieri r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/814 ("ir-Regolament ta' Implimentazzjoni")[3].

(5) Il-Kummissjoni ppubblikat abbozz ta' verżjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika bejn id-9 ta' Diċembru 2022 u d-9 ta' Jannar 2023. Wara r-regoli proċedurali introdotti mid-DMA, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jibbaża wkoll fuq il-proċeduri użati fl-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, dan jinkludi elementi ġodda biex tiġi żgurata proċedura inqas stretta u aktar effettiva minħabba n-natura dinamika tas-swieq diġitali. Dan jinkludi b'mod partikolari proċedura inqas stretta għall-aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u d-drittijiet tad-difiża għall-kumpaniji kkonċernati.

(6) Il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, inklużi r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika tagħha, lill-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali (DMAC)[4] waqt il-laqgħa inawgurali tiegħu fit-13 ta' Jannar 2023. Abbażi tat-

[1] ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1–66

[2] Ir-Rapport ikopri s-sena kalendarja 2023, u b'hekk żviluppi aktar reċenti bħall-għeluq tal-investigazzjonijiet tas-suq imnedija fl-2023 għal iMessage, Bing, Edge u Microsoft Advertising ma humiex koperti, ara https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-closes-market-investigations-microsofts-and-apples-services-under-digital-markets-act-2024-02-13_en

[3] ĠU L 102, 17.4.2023, p. 6–19

[4] Id-DMAC jappoġġa lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont id-DMA. Huwa kklassifikat bħala kumitat skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 u jiffunzjona f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni ssimplifikat il-proċedura għall-aċċess għall-fajl stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(7) Fl-14 ta' April 2023, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni flimkien maż-żewġ Annessi tiegħu, li jinkludu l-formola li jridu jużaw l-impriżi li jissodisfaw il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni għall-finijiet tad-deżinjazzjoni bħala gwardjan (il-"Formola GD"), u speċifikazzjonijiet dwar il-forma u t-tul tad-dokumenti sottomessi skont id-DMA.

(8) Minbarra l-Formola GD, il-Kummissjoni ppubblikat għadd ta' mudelli oħrajn fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva biex tiżgura ċ-ċertezza legali u applikazzjoni uniformi tas-sottomissjonijiet u t-talbiet magħmula lill-Kummissjoni[5].

b. Deċiżjonijiet ta' deżinjazzjoni

(9) L-Artikolu 3(3) tad-DMA jistabbilixxi li l-impriżi li jipprovdu servizzi ewlenin ta' pjattaforma li jissodisfaw il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni li jkunu laħqu dawn il-limiti. Fit-3 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet notifiki[6] mingħand Alphabet, Amazon, Apple, ByteDance, Meta, Microsoft u Samsung skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-DMA. Fil-5 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ddeżinjat lil Alphabet, Amazon, Apple, ByteDance, Meta u Microsoft bħala gwardjani ta' 22 Servizz Ewlieni ta' Pjattaforma



[5] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/legislation_en#templates

[6] Il-Kummissjoni kienet f'diskussjonijiet kostruttivi ma' impriżi, minbarra dawk li nnotifikaw, fid-dawl ta' notifiki possibbli. Id-DMA huwa mibni fuq sistema ta' awtovalutazzjoni, fejn hija r-responsabbiltà tal-kumpaniji kkonċernati li jinnotifikaw is-servizzi ewlenin tal-pjattaformi tagħhom jekk jissodisfaw il-limiti rilevanti. Il-Kummissjoni tinnota li l-ebda waħda minn dawn l-impriżi l-oħrajn li kienu f'diskussjoni mal-Kummissjoni ma qieset li kienu se jissodisfaw il-limiti għan-notifika fl-2023.

(CPS) b'kollox, kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt, u adottat deċiżjoni li ma tiddeżinjax lil Samsung bħala gwardjana għall-web browser tagħha[7].

(10) Il-kumpaniji li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA kellhom l-opportunità li jippreżentaw argumenti ssostanzjati li ma għandhomx jiġu ddeżinjati bħala gwardjani ("konfutazzjoni") skont l-Artikolu 3(5) tad-DMA. Mill-għaxar konfutazzjonijiet[8] li rċeviet il-Kummissjoni flimkien mal-ewwel mewġa ta' notifiki, il-Kummissjoni aċċettat tlieta bla riżervi,[9] irrifjutat tlieta[10] u qieset li erba' konfutazzjonijiet[11] kienu ssostanzjati biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tiftaħ investigazzjonijiet tas-suq biex tivvaluta aktar l-argumenti pprovduti fihom.

(11) B'mod parallel, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni kwalitattiva tas-suq biex tiddetermina jekk is-sistema operattiva iPadOS ta' Apple, minkejja li ma tissodisfax il-limiti kwantitattivi, għandhiex tiġi elenkata bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali.

(12) F'laqgħa fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni infurmat lid-DMAC dwar id-deċiżjonijiet ta' dežinjazzjoni tal-gwardjani u l-investigazzjonijiet tas-suq miftuħa. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni ddeskriviet l-iskeda ta' żmien u l-proċeduri kemm għan-nomini eżistenti kif ukoll għal dawk ġodda potenzjali, flimkien mas-sekwenza ta' avvenimenti għall-investigazzjonijiet tas-suq.

Ħarsa ġenerali lejn id-dežinjazzjonijiet mill-impriża notifikanti

(13) **Alphabet** innotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mas-servizzi ewlenin ta' pjattaforma li ġejjin ("CPSs"): (i) is-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha Google Shopping; (ii) is-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha Google Play; (iii) is-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha Google Maps; (iv) il-magna ta' tiftix online tagħha Google Search; (v) is-servizz tal-pjattaforma ta' video-sharing tagħha YouTube; (vi) is-servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri tagħha ("NIICS") Gmail; (vii) is-sistema operattiva tagħha Google Android; (viii) il-web browser tagħha Google Chrome; u (ix) is-servizzi ta' reklamar online tagħha. Bin-notifika tagħha, Alphabet ippreżentat argumenti li jfittxu li juru li għalkemm l-NIICS Gmail tagħha jissodisfa l-limiti kollha, dan ma jissodisfax ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-DMA b'rabta ma' dak is-CPS u li, għalhekk, is-CPS ma għandux jiġi

[7] https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/search

[8] Il-Kummissjoni rċeviet konfutazzjonijiet mingħand Alphabet rigward is-servizz ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri (NIICS) tagħhom ta' Gmail, mingħand Apple rigward l-NIICS ta' iMessage tagħhom, mingħand ByteDance rigward is-servizz ta' networking soċjali online tagħhom (innotifikat minn ByteDance bħala servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing) ta' TikTok, mingħand Meta rigward l-NIICS ta' Messenger tagħhom u s-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħhom Marketplace, mingħand Microsoft rigward l-NIICS ta' Outlook tagħhom, is-servizz ta' reklamar online tagħhom ta' Microsoft Advertising, il-magna tat-tiftix online tagħhom Bing, u l-web browser tagħhom Edge, u mingħand Samsung rigward il-web browser tagħhom Samsung Internet Browser (SIB).

[9] Il-Kummissjoni aċċettat bla riżervi l-konfutazzjonijiet sottomessi minn Alphabet rigward il-Gmail, mingħand Microsoft rigward l-Outlook u mingħand Samsung rigward il-web browser SIB.

[10] Il-Kummissjoni rrifjutat bla riżervi l-konfutazzjonijiet sottomessi minn ByteDance rigward TikTok, u minn Meta rigward Messenger u Marketplace.

[11] Il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni tas-suq għal iMessage ta' Apple, Bing ta' Microsoft, Microsoft Advertising u Edge.

elenkat fid-deċiżjoni ta' dożinjazzjoni tiegħu bħala portal importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali.

(14) Il-Kummissjoni ddożinjat lil Alphabet bħala gwardjan[12] b'rabta ma':

(i) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Alphabet, Google Shopping;
(ii) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Alphabet, Google Play;
(iii) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Alphabet, Google Maps;
(iv) il-magna ta' tiftix online ta' Alphabet, Google Search;
(v) is-servizz tal-pjattaforma ta' video-sharing ta' Alphabet, YouTube;
(vi) is-sistema operattiva ta' Alphabet, Google Android, inkluż il-middleware relatat ta' Alphabet, sa fejn tikkontrolla l-funzjonijiet bażiċi ta' tablets u smartphones ta' Google Android u tippermetti li l-applikazzjonijiet tas-software jaħdmu fuqhom;
(vii) il-web browser ta' Alphabet, Google Chrome; u
(viii) is-servizzi ta' reklamar online ta' Alphabet, inklużi Google Analytics u AdSense for Search. Barra minn hekk, filwaqt li Alphabet sostniet li l-wiri ta' reklam huwa parti mis-servizz li jħares lejn l-utent finali fejn jintwera r-reklam, id-Deċiżjoni ssib li l-wiri tar-reklami huwa parti kemm mis-servizzi li jħarsu lejn l-utent finali ta' Alphabet kif ukoll mis-CPS tar-reklamar online ta' Alphabet.

(15) Il-Kummissjoni aċċettat l-argumenti ta' konfutazzjoni mqajma minn Alphabet b'rabta mal-NIICS Gmail tagħha, minħabba li hija pprovduta abbażi ta' standards miftuħa u f'format standardizzat, li jippermettu lill-utenti ta' Gmail jiskambjaw messaġġi mal-utenti ta' kwalunkwe servizz tal-email, u minħabba li Alphabet bħalissa ma teżerċita l-ebda kontroll fuq l-operazzjonijiet ta' Gmail li jippermettilha timponi kwalunkwe grad sinifikanti ta' dipendenza bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li l-Gmail ma huwiex portal importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA u, għalhekk, ma elenkatx dak is-CPS fid-deċiżjoni ta' dożinjazzjoni ta' Alphabet.

(16) **Amazon** innotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mas-CPSs li ġejjin: (i) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online tagħha Amazon Marketplace; u (ii) is-servizz ta' reklamar online tagħha Amazon Advertising.

(17) Il-Kummissjoni ddożinjat lil Amazon bħala gwardjan b'rabta ma':

(i) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Amazon, Amazon Marketplace;
(ii) is-servizzi ta' reklamar online ta' Amazon, Amazon Advertising[13].

(18) **Apple** nnotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mas-CPSs li ġejjin: (i) is-servizzi tal-intermedjazzjoni online tagħha iOS AppStore; (ii) is-sistema operattiva tagħha iOS; (iii) il-brawżer tal-web tagħha Safari fuq l-iOS; u (iv) in-NIICS tagħha, iMessage. Flimkien man-notifika tagħha, Apple ssottomettiet talba għal konfutazzjoni b'rabta mal-NIICS tagħha iMessage.

(19) Il-Kummissjoni ddożinjat lil Apple bħala gwardjan[14] b'rabta ma':

[12] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#alphabet-inc
[13] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#amazoncom-inc
[14] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#apple-inc

(i) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Apple, AppStore, irrispettivament mill-apparat li fuqu jintuża minħabba li l-App Store jintuża għall-istess skop komuni fuq l-apparati kollha fejn huwa disponibbli (jiġifieri iOS, iPadOS, macOS, watchOS u tvOS), jiġifieri biex tiġi intermedjata d-distribuzzjoni tal-apps;

(ii) is-sistema operattiva ta' Apple, iOS, fejn id-Deċiżjoni tqis li, filwaqt li l-karatteristiċi ewlenin u l-karatteristiċi tekniċi tal-iOS u tal-iPadOS huma simili u jirriżultaw f'ambjenti simili, Apple pprovdiet biżżejjed fatti u argumenti biex issostni li, fl-aħħar mill-aħħar, kull waħda minnhom tikkostitwixxi sistema operattiva distinta skont id-DMA, bl-iOS biss tissodisfa l-limiti kwantitattivi għad-dežinjazzjoni; u

(iii) il-web browser ta' Apple, Safari, irrispettivament mill-apparat li fuqu jiġi offrut minħabba li Safari jaqdi l-iskop komuni fuq l-apparati kollha (jiġifieri iPhone, iPad u Mac) li jipprovdu lill-utenti b'għodda biex joffru, jaċċessaw u jinteraġixxu mal-kontenut tal-web.

(20) Il-Kummissjoni kkonkludiet li Apple pprovdiet argumenti ssostanzjati biżżejjed biex b'mod ċar tpoġġi f'dubju l-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA b'rabta mal-NIICS iMessage ta' Apple u, għalhekk, iddeċidiet li tiftaħ investigazzjoni tas-suq.

(21) B'rabta mal-argumenti ta' Apple rigward iOS u iPad OS, il-Kummissjoni feħet investigazzjoni tas-suq bil-ħsieb li tistabbilixxi jekk Apple hijiex gwardjan anki b'rabta ma' iPadOS, anki jekk ma tissodisfax il-limiti kwantitattivi[15].

(22) Apple appellat għad-deċiżjoni ta' dežinjazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll għad-deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni tas-suq b'rabta ma' iMessage (il-Kawżi T-1079/23 u T-1080/23, biż-żewġ appelli għadhom għaddejjin).

(23) **ByteDance** nnotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(a) u fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA, iżda mhux dawk stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(c) b'rabta mas-servizz ta' TikTok tagħha, li hija tqis li jikkostitwixxi CPS ta' servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing (kuntrarju għal CPS ta' servizz ta' networking soċjali online). Bin-notifika tagħha, ByteDance ssottomettiet argumenti għal konfutazzjoni b'rabta ma' TikTok.

(24) Il-Kummissjoni ddežinjat lil ByteDance bħala gwardjana[16] b'rabta mas-servizz tagħha ta' networking soċjali online TikTok. Filwaqt li d-Deċiżjoni ma tikkontestax li TikTok jissodisfa d-definizzjoni ta' servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing, il-Kummissjoni tqis li TikTok imur lil hinn mill-funzjonalitajiet ta' video-sharing u joffri l-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet kollha ta' servizz ta' networking soċjali online, u li din il-kwalifika tirrifletti bl-aħjar mod il-wisa' tal-funzjonalitajiet ta' TikTok skont id-DMA. Id-Deċiżjoni ssib ukoll li l-metodoloġija ta' ByteDance għall-għadd tal-utenti ta' TikTok hija difettuża u tikkonkludi li ByteDance tissodisfa l-limiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA b'rabta ma' TikTok. Id-Deċiżjoni tirrifjuta l-argumenti ta' konfutazzjoni mqajma minn ByteDance, minħabba li dawn ma kinux issostanzjati

[15] Sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda indikazzjoni li l-ftuħ ta' investigazzjonijiet oħrajn tas-suq għal dežinjazzjoni kwalitattiva kien ġustifikat. Il-Kummissjoni tagħmel monitoraġġ kontinwu f'dan ir-rigward.

[16] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#bytedance-ltd

biżżejjed biex iqajmu dubji ċari dwar il-preżunzjoni li hija gwardjana fir-rigward tas-servizz ta' networking soċjali online TikTok.

(25) ByteDance appellat id-deċiżjoni li tirrifjuta l-argumenti ta' konfutazzjoni tagħha u tiddeżinjaha bħala gwardjana b'rabta ma' TikTok (il-Kawża T-1077/23, li għadha għaddejja).

(26) **Meta** nnotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mas-CPSs li ġejjin: (i) is-servizz uniku tagħha ta' networking soċjali online appoġġat minn reklamar online li jinkludi, fil-fehma ta' Meta, Facebook, Instagram, Meta Ads, Messenger, Marketplace, Facebook Dating u Facebook Gaming Play; u (ii) l-NIICS tagħha WhatsApp.

(27) Il-Kummissjoni ddeżinjat lil Meta bħala gwardjana b'rabta ma'
(i) is-servizz ta' networking soċjali online ta' Meta, Facebook;
(ii) is-servizz ta' networking soċjali online ta' Meta, Instagram;
(iii) is-servizz ta' reklamar online ta' Meta, Meta Ads;
(iv) l-NIICS ta' Meta, WhatsApp;
(v) l-NIICS ta' Meta, Messenger u
(vi) is-servizzi ta' intermedjazzjoni online ta' Meta, Marketplace.[17].

(28) Id-Deċiżjoni rrifjutat l-argumenti ta' konfutazzjoni mqajma minn Meta b'rabta mal-NIICS tagħha Messenger u s-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha Marketplace. Għall-kuntrarju ta' dawk l-argumenti ta' konfutazzjoni, il-Kummissjoni tqis li l-Messenger huwa CPS ta' NIICS awtonomu li ma jistax jitqies sempliċiment bħala l-funzjonalità ta' chat tas-CPS ta' networking soċjali online Facebook. Għall-kuntrarju ta' dawk l-argumenti ta' konfutazzjoni, il-Kummissjoni tqis li Marketplace għandu utenti kummerċjali u, għalhekk, jikkostitwixxi wkoll servizz ta' intermedjazzjoni online minn negozju għal konsumatur.

(29) Meta għamlet appell għad-deżinjazzjoni tal-NIICS tagħha Messenger u tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tagħha Marketplace bħala portali importanti biex l-utenti kummerċjali jilħqu lill-utenti finali fid-deċiżjoni ta' deżinjazzjoni tagħha (il-Kawża T-1078/23).

(30) **Microsoft** innotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mas-CPSs li ġejjin: (i) is-sistema operattiva Windows PC OS tagħha; (ii) il-magna tat-tiftix online tagħha Bing, (iii) il-web browser tagħha Edge; (iv) is-servizzi ta' reklamar online tagħha Microsoft Advertising; (v) l-NIICS tagħha Outlook.com; u (vi) is-servizz ta' networking soċjali online tagħha LinkedIn. Bin-notifika tagħha, Microsoft ippreżentat argumenti li jfittxu li juru li għalkemm il-magna ta' tiftix online tagħha Bing, il-web browser tagħha Edge, is-servizzi ta' reklamar online tagħha Microsoft Advertising u l-NIICS tagħha Outlook.com jissodisfaw il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, dawn is-CPSs ma jissodisfawx ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-DMA u li, għalhekk, ma għandhomx jiġu elenkati fid-deċiżjoni ta' deżinjazzjoni ta' Microsoft.

[17] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#meta-platforms-inc

(31) Il-Kummissjoni ddeżinjat lil Microsoft bħala gwardjana b'rabta ma'
(i) is-sistemi operattivi ta' Microsoft għall-PCs, li jinkludu Windows PC OS;
(ii) is-servizz ta' networking soċjali online ta' Microsoft, LinkedIn.[18].

(32) Fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni aċċettat l-argumenti ta' konfutazzjoni mqajma minn Microsoft b'rabta mal-NIICS tagħha Outlook.com, billi l-konfigurazzjoni kurrenti ta' dak is-servizz ma hijiex portal importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali. F'Deċiżjoni separata, il-Kummissjoni fetħet investigazzjonijiet tas-suq rigward il-magna tat-tiftix Bing, il-web browser Edge; u s-servizzi ta' reklamar online Microsoft Advertising[19], minħabba li l-Kummissjoni qieset li l-argumenti ppreżentati minn Microsoft huma ssostanzjati biżżejjed sabiex tikkontesta b'mod ċar il-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA.

(33) **Samsung** innotifikat lill-Kummissjoni li hija tissodisfa l-limiti b'rabta mal-web browser tagħha Samsung Internet Browser ("SIB"). Flimkien man-notifika tagħha, Samsung ippreżentat talba għal konfutazzjoni li tfittex li turi li għalkemm l-SIB jissodisfa l-limiti kollha fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, hija ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-DMA u li, għalhekk, ma għandhiex tiġi ddeżinjata bħala gwardjana. Il-Kummissjoni aċċettat l-argumenti ta' konfutazzjoni mqajma minn Samsung b'rabta mal-web browser tagħha SIB u ddeċidiet li ma tiddeżinjax lil Samung bħala gwardjana[20]. B'mod partikolari, il-Kummissjoni qieset is-sehem baxx tal-SIB ta' żjarat tal-paġna web u l-iskala baxxa ta' użu fl-Unjoni bħala indikatur li l-SIB ma huwiex web browser sinifikanti fl-Unjoni u, b'hekk, ma huwiex portal importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali.

III. MONITORAĠĠ

(34) Il-gwardjani jeħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5, 6, 7 u 15 tad-DMA sitt xhur wara d-deżinjazzjoni, u dan jimplika li dawk il-kumpaniji ddeżinjati fil-5 ta' Settembru 2023 jeħtieġ li jikkonformaw sas-7 ta' Marzu 2024. Għalhekk, il-monitoraġġ tal-konformità ma' dawk l-obbligi jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-ewwel rapport annwali.

(35) L-obbligi fuq il-gwardjani li jipprovdu informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet skont l-Artikolu 14 tad-DMA u li jistabbilixxu funzjoni ta' konformità skont l-Artikolu 28 tad-DMA japplikaw mill-mument tad-deżinjazzjoni u l-attivitajiet tal-Kummissjoni relatati magħhom fl-2023 huma għalhekk inklużi f'dan ir-rapport. Il-Kummissjoni qed tivvaluta l-konformità ma' dawn l-obbligi u tista' tieħu azzjoni fejn jitqies xieraq.

a. L-Artikolu 14 tad-DMA: Informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet

(36) Skont l-Artikolu 14 tad-DMA, il-gwardjani huma meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe konċentrazzjoni li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu, meta l-entitajiet li jkunu qed jiġu fużi jew bil-mira tal-konċentrazzjoni jipprovdu CPSs, servizzi oħrajn fis-settur diġitali, jew jippermettu l-ġbir tad-*data*.

(37) Fl-2023, il-Kummissjoni rċeviet tliet sottomissjonijiet ta' konċentrazzjonijiet intenzjonati mill-gwardjani, f'Settembru, Ottubru u Diċembru 2023. Sommarju mhux

[18] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en#microsoft-corporation
[19] https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202343/DMA_100015_584.pdf
[20] https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202346/DMA_100038_100.pdf

kunfidenzjali tal-informazzjoni sottomessa mill-gwardjani skont l-Artikolu 14 tad-DMA, flimkien mad-data tan-notifika u l-identità tal-impriżi kkonċernati, jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni[21] fuq bażi kontinwa u mhux aktar kmieni minn erba' xhur wara li tasal l-informazzjoni.

b. L-Artikolu 28 tad-DMA: Funzjoni ta' konformità

(38) Skont l-Artikolu 28 tad-DMA, il-gwardjani huma meħtieġa jintroduċu funzjoni ta' konformità li trid tkun indipendenti mill-funzjonijiet operattivi tal-gwardjan u li tikkonsisti f'uffiċjal ta' konformità wieħed jew aktar b'awtorità, statura u riżorsi suffiċjenti biex ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità tal-gwardjani mad-DMA u jagħtuhom pariri dwar dan.

(39) Il-Kummissjoni kienet qed timmonitorja l-istabbiliment ta' tali funzjoni ta' konformità minn kull gwardjan iddeżinjat biex tiżgura li dan jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva. Wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni u gwida minnha rigward dawn ir-rekwiżiti, il-gwardjani ddeżinjati kollha ħatru uffiċjali ta' konformità skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 28 tad-DMA u kkomunikaw id-dettalji lill-Kummissjoni.

IV. KOOPERAZZJONI BEJN IL-KUMMISSJONI U L-AWTORITAJIET NAZZJONALI

(40) Id-DMA jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-interazzjoni bejn id-DMA u dritt rilevanti ieħor tal-Unjoni, bħall-kompetizzjoni, il-protezzjoni tad-*data* u l-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Dawn il-prinċipji huma deskritti fl-Artikoli 1(5) u 1(6) tad-DMA.

(41) Barra minn hekk, l-Artikoli 37 u 38 tad-DMA jipprevedu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u jikkoordinaw l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom biex jiżguraw infurzar koerenti, effettiv u komplementari tal-istrumenti legali disponibbli applikati għall-gwardjani.

(42) Sal-lum, il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, u b'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs), seħħet prinċipalment permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK). Din il-kooperazzjoni tmur fiż-żewġ direzzjonijiet: il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni u aġġornamenti lill-NCAs dwar id-deċiżjonijiet ta' dežinjazzjoni u l-investigazzjonijiet tas-suq tagħha skont id-DMA, u l-NCAs ipprovdew informazzjoni lill-Kummissjoni u skambjaw fehmiet magħha, kif previst mid-DMA, dwar l-azzjonijiet ta' infurzar rilevanti skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-kompetizzjoni.

(43) Matul il-perjodu ta' rapportar, l-ebda NCA ma infurmat lill-Kummissjoni dwar l-ewwel miżuri investigattivi formali u l-intenzjoni tagħha li tniedi investigazzjoni skont il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar gwardjan iddeżinjat. Qabel tmiem il-perjodu ta' rapportar, NCA waħda kkomunikat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38(3) tad-DMA abbozz ta' miżuri li biħsiebha timponi fuq gwardjan iddeżinjat abbażi tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Billi l-obbligi fl-Artikoli 5, 6 u 7 tad-DMA japplikaw biss mis-7 ta' Marzu 2024, ma saret l-ebda investigazzjoni minn NCA kif previst fl-

[21] https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/acquisitions

Artikolu 38(7) tad-DMA dwar każ ta' nuqqas ta' konformità possibbli ma' dawn l-obbligi fit-territorju tagħhom.

V. IL-GRUPP TA' LIVELL GĦOLI GĦALL-ATT DWAR IS-SWIEQ DIĠITALI

(44) Il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali ġie stabbilit b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2023 ibbażata fuq l-Artikolu 40 tad-DMA[22]. Il-grupp huwa magħmul mill-korpi u n-networks Ewropej identifikati fid-DMA[23] u twaqqaf bħala grupp ta' esperti, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni[24] li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. Il-Grupp ta' Livell Għoli huwa ppresedut mill-Kummissjoni, li toffri wkoll appoġġ lis-segretarjat tal-grupp. Il-grupp għandu l-għan li jappoġġa implimentazzjoni koerenti u effettiva tad-DMA u regolamenti oħrajn speċifiċi għas-settur applikabbli għall-gwardjani.

(45) Il-grupp huwa rilevanti wkoll fl-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' kwalunkwe interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-DMA u r-regoli speċifiċi għas-settur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' wkoll tisfrutta l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi u n-networks settorjali rilevanti waqt l-investigazzjonijiet tas-suq dwar servizzi u prattiki ġodda[25].

(46) Il-Grupp ta' Livell Għoli ltaqa' għal-laqgħa inawgurali tiegħu fit-12 ta' Mejju 2023, wara n-nomina ta' sitt rappreżentanti minn kull wieħed mill-ħames membri tiegħu[26]. Waqt il-laqgħa inawgurali, il-membri ppreżentaw l-iżviluppi fl-oqsma ta' għarfien espert tagħhom rilevanti għall-infurzar tad-DMA. Il-Kummissjoni ppreżentat l-istat tal-implimentazzjoni tad-DMA, li kien segwit minn skambju ta' fehmiet.

(47) Il-Grupp ta' Livell Għoli qabel dwar ir-Regoli ta' Proċedura fit-tieni laqgħa tiegħu fis-27 ta' Novembru 2023. Id-diskussjoni f'dik il-laqgħa ffokat fuq it-tħejjija tal-istabbiliment ta' sottogruppi tal-Grupp ta' Livell Għoli. Huwa mistenni li matul l-2024 jiġu stabbiliti żewġ sottogruppi. Il-Grupp ta' Livell Għoli u s-sottogruppi tiegħu ma għandhomx ikunu involuti fi proċedimenti jew investigazzjonijiet tal-Kummissjoni li jkunu għaddejjin skont id-DMA[27].

---

[22] Il-Kummissjoni Ewropea, "Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2023 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali", Brussell, 23.3.2023, C(2023) 1833 final. Aktar informazzjoni disponibbli fuq: https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2023-03/High_Level_Group_on_the_DMA_0.pdf.

[23] Il-Korp tar-Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni, in-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, u l-Grupp Regolatorju Ewropew tar-Regolaturi tal-Media Awdjoviżiva.

[24] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 final li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

[25] Ibid. l-Art. 40(7).

[26] Kull korp jew network jista' jipprevedi wkoll membri supplenti.

[27] Li hija l-prerogattiva unika tal-Kummissjoni bħala infurzatur ta' dak ir-Regolament, soġġetta għall-proċedura tal-Kumitat Konsultattiv kif stabbilit fl-Artikolu 50(2) tad-DMA.